KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOT
ippreżentati fit-23 ta' Frar 2016[1]

Kawża C-614/14

Proċeduri kriminali
kontra
Atanas Ognyanov

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofija, il-Bulgarija)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 267 TFUE — Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Kontenut ta' talba għal deċiżjoni preliminari u obbligi fuq il-qorti tar-rinviju — Spjegazzjoni tal-kuntest fattwali u ġuridiku — Regola nazzjonali li ġġiegħel lill-qorti tar-rinviju li tastjeni għar-raġuni li din spjegat il-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża sabiex tagħmel rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja — Artikoli 47 u 48 tal-Karta"

I – **Introduzzjoni**

1. Il-modalitajiet stabbiliti fl-Artikoli 267 TFUE u 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kontenut ta' talba għal deċiżjoni preliminari jistgħu jikkompromettu l-garanzija tad-drittijiet sanċiti fl-Artikoli 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta")?

2. Qorti tar-rinviju hija obbligata li tastjeni mill-kawża prinċipali għar-raġuni li hija spjegat fil-kuntest tat-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari mressqa f'dik il-kawża, il-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha?

3. Jidher li dan huwa l-każ, fid-dritt Bulgaru, skont l-Artikolu 29 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali (Nakasatelno protsesualen kodeks, iktar 'il quddiem in-"NPK").

4. Fil-fatt, huwa fuq il-bażi ta' din id-dispożizzjoni li l-prosekutur pubbliku tal-belt ta' Sofija (Sofiyska gradska prokuratura) talab l-astensjoni tas-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofija), għar-raġuni li din kienet, fil-kuntest tat-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa fil-Kawża C-554/14, Ognyanov[2], pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, esprimiet "opinjoni provviżorja" meta kkonstatat il-kuntest fattwali u ġuridiku ta' din il-kawża, u dan qabel ma din għaddiet għad-deliberazzjoni, biex b'hekk naqset mid-dover tagħha ta' imparzjalità u minbarra hekk, kisret id-dritt tal-preżunzjoni tal-innoċenza ta' A. Ognyanov.

5. F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja hija għalhekk adita bil-punt jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix regola bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — It-talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa f'dik il-kawża u f'din il-kawża qamu fl-okkażjoni tal-istess tilwima quddiem is-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofija) u li għalihom ser nippreżenta konklużjonijiet separati.

6. Jiena ma niċħadx li l-mekkaniżmu tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari jista' jqajjem diffikultajiet kultant delikati sabiex jiġu amministrati mill-qrati nazzjonali ta' kull ordni u grad, speċjalment jekk jittieħdu inkunsiderazzjoni d-differenzi bejn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali fuq il-kariga ta' mħallef, li fuq kollox huma fost l-inqas armonizzati u l-iktar diversi.

7. Madankollu, il-ġurisprudenza abbondanti li tissanċixxi l-kooperazzjoni bejn il-qorti nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari kif ukoll id-diversi dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jsawru dan il-mekkaniżmu ma jħallu l-ebda dubju dwar ir-risposta li għandha tingħata għal din id-domanda.

8. Meta spjega, fil-kuntest tat-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa fil-Kawża C-554/14, il-kuntest fattwali u ġuridiku ta' din il-kawża, is-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofija) osserva biss il-modalitajiet stabbiliti fl-Artikoli 267 TFUE u 94 tar-Regoli tal-Proċedura għall-finijiet tat-tressiq ta' talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u dawn il-modalitajiet, jekk jiġu implementati b'mod korrett, ma jistgħux jitqiesu li jikkompromettu l-ekwità tal-proċedura u d-drittijiet fundamentali tal-partijiet.

9. Għalhekk, regola bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha titwarrab.

10. Minn naħa, għaliex tpoġġi fid-dubju l-modalitajiet essenzjali tat-talba għal deċiżjoni preliminari, kif inhuma ddefiniti fl-Artikolu 267 TFUE kif ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u speċifikati fl-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura.

11. Min-naħa l-oħra, għaliex fl-aħħar nett tkun qed iċċaħħad lill-qrati kriminali Bulgari mill-possibbiltà li jagħmlu rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex b'hekk jiġu affettwati l-prerogattivi tagħhom li huma rrikonoxxuti mit-Trattat FUE u l-ġurisprudenza tagħha.

12. Fid-deċiżjoni tar-rinviju tiegħi, is-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofija) ma għandha, barra minn hekk, l-ebda eżitazzjoni dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmijin iktar 'il fuq tad-dritt tal-Unjoni.

13. Jidhirli li l-approċċ tagħha huwa intiż li jibdel il-perċezzjoni tal-qorti kriminali Bulgara fir-rigward tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari u forsi anki tal-Konstitutsionen sadde (qorti kostituzzjonali) [3], u sabiex jintwerew l-inkoerenzi ta' leġiżlazzjoni li, jekk tiġi implementata, tista' tiddisswadi kull qorti kriminali Bulgara milli tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

14. Mingħajr dubju, hija tenfasizza li t-talba għal talba preliminari tikkostitwixxi eżerċizzju ġdid għall-qorti kriminali Bulgara meta titqies il-limitazzjoni prevista fl-Artikolu 10(1) tal-Protokoll Nru 36 dwar id-dispożizzjonijiet tranżitorji, annessi mat-Trattat FUE.

15. Issa, għalkemm l-istitut tat-talba għal deċiżjoni preliminari huwa ġdid għall-ġustizzja kriminali Bulgara, fil-qrati ċivili u amministrattivi min-naħa l-oħra, l-eżerċizzju huwa b'mod partikolari mħaddem tajjeb, kif jixhed in-numru relattivament għoli ta' domandi preliminari li jagħmlu dawk il-qrati [4].

3 — Ara, f'dan ir-rigward, Vatsov, M., "European integration through preliminary rulings? The case of the Bulgarian Constitutional Court", *The preliminary reference to the Court of justice of the European Union by Constitutional Courts, German Law Journal*, Vol. 16, Nru 6, 2015.

4 — Għal spjegazzjoni tal-leġiżlazzjoni u tal-prattika dwar rinviji għal deċiżjoni preliminari, ara r-rapport Bulgaru ta' Fartunova, M., fi Coutron, L., "L'obligation de renvoi préjudiciel à la Cour de justice: une obligation sanctionnée?", Bruylant, Brussell, 2014, p. 145.

16. F'dan ir-rigward, il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (Grazdhanski protsesualen kodeks[5]), fil-qafas tat-Taqsima VII, Kapitolu 59[6] tiegħu, jippreċiża l-kumpless tar-regoli proċedurali applikabbli għat-tressiq ta' talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. L-Artikolu 640 tiegħu, dwar il-kontenut tat-talba għal deċiżjoni preliminari, jirrikjedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, skont il-modalitajiet previsti fl-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura, li "t-talba għal deċiżjoni preliminari għandu jkollha deskrizzjoni tal-fatti tat-tilwima, id-dritt nazzjonali applikabbli, riferiment preċiż għad-dispożizzjoni jew għall-att fejn tintalab l-interpretazzjoni jew l-evalwazzjoni tal-validità tagħhom, ir-raġunijiet għaliex il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li talba għal deċiżjoni preliminari hija meħtieġa għall-finijiet ta' żvolġiment korrett tal-kawża, kif ukoll il-formulazzjoni tad-domanda preliminari"[7].

17. Għalkemm ir-regoli sanċiti f'dan il-kapitolu huma, bħala prinċipju, limitati għall-proċeduri ċivili biss, huma japplikaw ukoll għall-proċeduri li jsiru quddiem il-qrati amministrattivi, u dan konformement mal-Artikolu 144 tal-Kodiċi ta' Proċedura Amministrattiva (Administrativnoprotsesualen kodeks)[8].

18. Ir-rekwiżiti dwar il-kontenut ta' talba għal deċiżjoni preliminari stabbiliti mill-Artikoli 267 TFUE u 94 tar-Regoli tal-Proċedura kif ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, mhux talli huma magħrufa mil-leġiżlatur u mill-qrati nazzjonali iżda talli jagħmlu parti mill-kumpless ġuridiku, u dan wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija mal-Unjoni Ewropea fl-2007.

19. Issa, għalkemm nifhem li ċerti qrati kriminali jistgħu jiltaqgħu ma' diffikultajiet meta jirrikorru lejn il-mekkaniżmu, għalihom ġdid, tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari, jibqa' l-fatt li l-modalitajiet preskritti għall-finijiet li jsir rinviju għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE u ppreċiżati fl-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura huma identiċi kemm jekk jirrigwardaw materja ċivili kif ukoll materja kriminali. Għalkemm ir-Regoli tal-Proċedura jipprevedu, fil-Kapitolu 3 tat-Titolu III tagħhom, dispożizzjonijiet partikolari dwar kawżi fuq l-ispazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja, dawn id-dispożizzjonijiet bl-ebda mod ma jaffettwaw l-obbligi li għandha l-qorti tar-rinviju skont l-Artikolu 94 ta' dawn ir-Regoli.

20. Fid-dawl tal-elementi li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet ta' natura leġiżlattiva u ġurisprudenzjali, li jissanċixxu l-kooperazzjoni bejn il-qorti nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari, ir-risposta li għandha tingħata lill-qorti tar-rinviju għalhekk ma tħalli spazju għal ebda dubju.

21. Għaldaqstant, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi li l-Artikoli 267 TFUE u 94 tar-Regoli tal-Proċedura, moqrija fid-dawl tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikoli 47 u 48 tal-Karta, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu regola nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ġġiegħel lill-qorti tar-rinviju li tastjeni fil-kawża prinċipali għar-raġuni li hija spjegat, fil-kuntest tat-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, il-kuntest fattwali u ġuridiku ta' din il-kawża.

22. Għaldaqstant, is-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofija) hija obbligata li twarrab regola bħal din.

5 — Iktar 'il quddiem il-"GPK". Verżjoni bl-Ingliż tal-GPK tinsab fuq is-sit internet tal-Varhoven kasatsionen sad (qorti suprema tal-kassazzjoni) f'dan l-indirizz: http://www.vks.bg/english/vksen_p04_02.htm#PART_SEVEN__Content of Request.

6 — L-imsemmija Taqsima VII jisimha "Regoli speċjali ta' proċedura ċivili għal kawżi li jirrigwardaw id-dritt tal-Unjoni Ewropea (fis-seħħ mis-27 ta' Lulju 2007)". L-imsemmi Kapitolu 59, mill-banda l-oħra, huwa ddedikat għat-"talbiet għal deċiżjoni preliminari".

7 — Traduzzjoni libera.

8 — Dan l-artikolu jistabbilixxi l-applikabbiltà sussidjarja tal-GPK għall-kwistjonijiet kollha li ma jkunx hemm dispożizzjonijiet espressi ddedikati għalihom.

23. Barra minn hekk, ngħid li l-Artikoli 267 TFUE u 94 tar-Regoli tal-Proċedura ma jipprekludux, meta tittieħed inkunsiderazzjoni l-awtonomija istituzzjonali u proċedurali tal-Istati Membri, li qorti tar-rinviju, ladarba tingħata s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, terġa' tisma' lill-partijiet kif ukoll tieħu miżuri ġodda ta' investigazzjoni u għalhekk, timmodifika l-konstatazzjonijiet li hija għamlet fil-kuntest tad-deċiżjoni tar-rinviju tagħha.

II – **Il-kuntest fattwali u ġuridiku**

24. F'dan il-każ, A. Ognyanov, ċittadin Bulgaru, ġie kkundannat mill-ġustizzja Daniża għal piena ta' priġunerija ta' ħmistax-il sena għal serq aggravat u għal qtil volontarju. Huwa skonta parti mill-piena tiegħu fid-Danimarka, mit-28 ta' Novembru 2012 sal-1 ta' Ottubru 2013, id-data meta kien ġie ttrasferit, abbażi tal-konvenzjoni fuq it-trasferiment tal-persuni kkundannati, iffirmata fi Strasbourg fil-21 ta' Marzu 1983[9], lill-awtoritajiet Bulgari sabiex jiskonta l-bqija tal-piena tiegħu fil-Bulgarija. Wara t-trasferiment ta' A. Ognyanov, is-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofija) adixxiet lill-Qorti tal-Ġustizzja bi tliet domandi preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 17 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909/ĠAI[10] (Kawża C-554/14).

25. Wara li saru dawn id-domandi, il-prosekutur pubbliku tal-belt ta' Sofija talab l-astensjoni ta' dik il-qorti għar-raġuni li, fil-punti 2 sa 4 tat-talba għal deċiżjoni preliminari li tressqet f'dik il-kawża, hija kienet esprimiet opinjoni fuq kwistjonijiet ta' fatt u tad-dritt, u dan qabel ma l-imsemmija kawża għaddiet għad-deliberazzjoni.

26. Mid-deċiżjoni tar-rinviju f'din il-kawża jirriżulta li, skont l-Artikolu 29 tan-NPK, kif interpretat mill-Varhoven kasatsionen sad (qorti suprema tal-kassazzjoni), l-espressjoni mill-qorti ta' opinjoni provviżorja fuq il-mertu tal-każ qabel ma tingħata deċiżjoni finali tikkostitwixxi każ partikolari ta' parzjalità.

27. Fil-każ ta' parzjalità, il-qorti hija obbligata li tastjeni, li jfisser, l-ewwel nett, li tieqaf milli teżamina l-każ, it-tieni nett, li din il-kawża tiġi assenjata mill-ġdid lil imħallfin oħrajn tal-qorti kkonċernata u, it-tielet nett, li l-qorti l-ġdida assenjata teżamina mill-ġdid il-kawża.

28. Jekk il-qorti tonqos milli tastjeni, tkompli teżamina l-każ u tagħti deċiżjoni finali, din id-deċiżjoni tkun ivvizzjata, għaliex mogħtija bi "ksur tal-forom proċedurali sostanzjali". L-istanza superjuri tħassar dik id-deċiżjoni u l-kawża tiġi assenjat mill-ġdid lil kompożizzjoni ġudizzjarja ġdida sabiex isir eżami ġdid.

29. Is-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofija) ippreċiża li l-ġurisprudenza tagħti interpretazzjoni partikolarment stretta tal-kriterju ta' "parzjalità". F'dak ir-rigward, jinnota b'mod partikolari li, din il-verifika ssir *ex officio* u anki l-indikazzjoni l-iktar insinjifikattiva dwar il-fatti tal-kawża jew il-kwalifikazzjoni ġuridika tagħhom twassal awtomatikament għal motivi ta' astensjoni tal-imħallef.

30. Bħala eżempju, is-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofija) issemmi ħames deċiżjonijiet tal-Varhoven kasatsionen sad (qorti suprema tal-kassazzjoni)[11], fejn din tal-aħħar annullat id-deċiżjonijiet ta' qrati tal-ewwel istanza minħabba parzjalità.

9 — Din il-Konvenzjoni hija disponibbli fuq is-sit internet tal-Kunsill tal-Europa. Hija ġiet irratifikata minn 64 Stat u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1985. Fost l-Istati Membri, huma biss ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Repubblika tal-Finlandja li ma ffirmawhiex.

10 — Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI, tas-27 ta' Novembru 2008, dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 327, p. 27).

11 — Dawn huma l-kawżi kriminali Nri 352/2008, 438/2009, 466/2009, 527/2009 u 463/2013.

31. Fl-aħħar nett, mid-deċiżjoni tar-rinviju li l-espressjoni mill-imħallef ta' opinjoni provviżorja ġġib magħha mhux biss l-astensjoni u/jew l-annullament tad-deċiżjoni finali tagħha, iżda wkoll l-ftuħ ta' azzjoni għar-responsabbiltà dixxiplinarja kontrih għal ksur dixxiplinari. Fil-fatt, konformement mal-punti 2.3 u 7.4 tal-Kodiċi Nazzjonali ta' Etika (Kodeks za etichno povedenie), huwa pprojbit li l-imħallef jagħmel dikjarazzjonijiet pubbliċi dwar l-eżitu ta' każ li ngħata l-inkarigu li jeżamina jew li jagħti opinjoni provviżorja. Barra minn hekk, il-punt 7.3 tal-kodiċi jistabbilixxi li l-imħallef jista' jesprimi ruħu fuq kwistjonijiet ġuridiċi ta' prinċipju filwaqt li għandu jastjeni, madankollu, milli jirreferi għall-fatti konkreti u għall-klassifikazzjoni ġuridika tagħhom.

32. Issa, f'dan il-każ, meta għamlet id-domandi preliminari fil-Kawża C-554/14, il-qorti tar-rinviju pubblikament u uffiċjalment tat opinjoni provviżorja fuq il-fatti konkreti ta' din il-kawża.

III – **Id-domandi preliminari**

33. F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofija) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Ikun hemm ksur tad-dritt tal-Unjoni (it-tieni paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikoli 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u dispożizzjonijiet rilevanti oħra) jekk, wara li tasal id-deċiżjoni preliminari, il-qorti li tkun bagħtet it-talba għal deċiżjoni preliminari tkompli bl-eżami tal-kawża u tagħti deċiżjoni dwar il-mertu, mingħajr ma tastjeni? Ir-raġuni għal din l-astensjoni hija l-espressjoni mill-qorti tar-rinviju ta' opinjoni provviżorja dwar il-mertu tal-kawża fit-talba għal deċiżjoni preliminari (jekk jitqies li huwa stabbilit qafas fattwali partikolari u jekk jitqies li regola legali partikolari hija applikabbli għal dan il-qafas fattwali).

Id-domanda qiegħda ssir fuq il-premessa li, fid-determinazzjoni tal-fatti u tad-dritt applikabbli għall-finijiet tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari, ġew osservati r-regoli proċedurali kollha sabiex jitħares id-dritt tal-partijiet li jipproduċu provi u li jagħmlu sottomissjonijiet orali.

2) Jekk, b'risposta għall-ewwel domanda preliminari, it-tkomplija tal-eżami tal-kawża titqies li hija konformi mad-dritt, ikun hemm ksur tad-dritt tal-Unjoni jekk:

   a) fid-deċiżjoni finali tagħha, il-qorti tar-rinviju tirripproduċi mingħajr emenda dak kollu li tkun ikkonstatat fit-talba għal deċiżjoni preliminari, filwaqt li tirrifjuta li tiġbor provi ġodda jew li tisma' lill-partijiet fir-rigward ta' dawn il-konstatazzjonijiet ta' fatt jew ta' liġi? Fil-verità, il-qorti tar-rinviju tiġbor provi ġodda u tisma' lill-partijiet biss fir-rigward tal-punti li ma ġewx ikkunsidrati li huma stabbiliti fit-talba għal deċiżjoni preliminari.

   b) il-qorti tar-rinviju tibqa' tiġbor provi ġodda u tisma' l-partijiet fir-rigward tal-punti rilevanti kollha, inklużi l-punti li dwarhom diġà espremiet l-opinjoni tagħha fit-talba għal deċiżjoni preliminari, u, fid-deċiżjoni finali tagħha, tirripproduċi l-aħħar opinjoni tagħha, filwaqt li tibbaża ruħha fuq il-provi kollha miġbura u wara li tkun eżaminat l-osservazzjonijiet kollha tal-partijiet, kemm dawk magħmula qabel ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari u kemm dawk magħmula wara li tasal id-deċiżjoni preliminari?

3) Jekk, b'risposta għall-ewwel domanda preliminari, it-tkomplija tal-eżami tal-kawża titqies li hija konformi mad-dritt tal-Unjoni, f'dan il-każ, ikun konformi mad-dritt tal-Unjoni li l-qorti tagħżel li ma tkomplix bl-eżami tal-kawża u, minflok, tastjeni, minħabba li t-tkomplija ta' dan l-eżami jkun kuntrarju għad-dritt nazzjonali li jiggarantixxi livell ogħla ta' protezzjoni tal-interessi tal-partijiet u tal-ġustizzja? F'dan ir-rigward, għandu jitqies li l-astensjoni tirriżulta:

   a) mill-fatt li l-qorti tar-rinviju espremiet opinjoni provviżorja dwar il-kawża, permezz tat-talba għal deċiżjoni preliminari, qabel ma tat id-deċiżjoni finali tagħha, li għalkemm huwa ċertament awtorizzat mid-dritt tal-Unjoni huwa pprojbit mid-dritt nazzjonali:

   b) mill-fatt li l-qorti tar-rinviju ser tagħmel l-opinjoni tagħha definittiva permezz ta' żewġ deċiżjonijiet u mhux permezz ta' deċiżjoni waħda (jekk jitqies li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija opinjoni mhux provviżorja iżda finali), li għalkemm huwa ċertament awtorizzat mid-dritt tal-Unjoni huwa pprojbit mid-dritt nazzjonali."

34. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet mill-Gvernijiet ta' Spanja u tal-Pajjiżi l-Baxxi kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea.

35. Huwa ta' dispjaċir li kienu assenti l-partijiet fil-kawża prinċipali kif ukoll il-Gvern Bulgaru.

IV – **L-analiżi tiegħi**

36. Il-ġurisprudenza u d-duttrina fakkru kemm-il darba li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari jikkostitwixxi l-element ċentrali tas-sistema ġudizzjarja fl-Unjoni Ewropea u hija l-qorti nazzjonali li għandha timplementaha.

37. Kif fakkret il-Qorti tal-Ġustizzja fl-Opinjoni tagħha 2/13 [12], il-proċedura tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari għandha l-għan, "li, filwaqt li tistabbilixxi djalogu bejn qorti u oħra [...] bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati tal-Istati Membri, [...] tiżgura l-unità fl-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni […] u b'hekk tippermetti li jiġu żgurati l-koerenza ta' dan id-dritt, l-effett sħiħ tiegħu u l-awtonomija tiegħu kif ukoll, fl-aħħar nett, in-natura partikolari tad-dritt stabbilit mit-Trattati" [13].

38. Meta kkundannat Stat Membru tal-fatt li qorti nazzjonali ma mmotivatx biżżejjed iċ-ċaħda tagħha li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fis-sentenza tagħha Dhahbi vs L-Italja [14], issanċixxiet, skont linja ġurisprudenzjali stabbilita sew, l-importanza ta' dan il-mekkaniżmu fl-Ewropa u kkonfermat definittivament il-fatt li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari huwa kompetenza essenzjalment tal-qorti nazzjonali sal-punt li din ma tistax teżerċitah b'mod arbitrarju b'riskju li tikser id-dritt għal smigħ xieraq.

12 — EU:C:2014:2454.

13 — Punt 176 u l-ġurisprudenza ċċitata.

14 — Nru 17120/09. F'din il-kawża, ir-rikorrent, ta' nazzjonalità Tuneżina, ġie rrifjutat l-għoti ta' allowance tal-familja mill-awtoritajiet Taljani għar-raġuni li din kienet irriżervata għaċ-ċittadini nazzjonali u ċ-ċittadini tal-Unjoni. Quddiem il-qrati Taljani, ir-rikorrent ikkontesta d-differenza fit-trattament li kien suġġett għaliha u talab li titressaq talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, dwar l-interpretazzjoni ta' Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra (ĠU 1998, L 97, p. 2), li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni fir-rigward ta' ħaddiema Tuneżini f'materja soċjali. Din it-talba saret għalxejn, bil-Corte suprema di Cassazione (qorti ta' kassazzjoni, l-Italja) tiċħadaha mingħajr ma għamlet ir-rinviju. Ir-rikorrent, għaldaqstant, adixxa lill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. F'din il-kawża, din l-aħħar qorti kellha tiddetermina jekk iċ-ċaħda tal-Corte suprema di cassazione (qorti tal-kassazzjoni) li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja kinitx tikser id-dritt għal smigħ xieraq. B'ripetizzjoni tal-istess raġunament li għamlet fil-kawżi preċedenti simili, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet li l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), tpoġġi fuq il-qrati interni obbligu ta' motivazzjoni fir-rigward tad-dritt applikabbli għad-deċiżjonijiet li bihom huma jirrifjutaw li jressqu talba għal deċiżjoni preliminari (§ 31).

A – *Fuq l-ewwel domanda*

39. Fl-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Artikolu 267 TFUE, moqri flimkien mal-Artikoli 94 tar-Regoli tal-Proċedura kif ukoll 47 u 48 tal-Karta, għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi regola nazzjonali li ġġiegħel lill-qorti tar-rinviju li tastjeni fil-kawża prinċipali għar-raġuni li din tal-aħħar spjegat, fil-kuntest tat-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, il-kuntest fattwali u ġuridiku ta' dik il-kawża sabiex għalhekk twarrab id-dmir tagħha ta' imparzjalità u tikser id-dritt tal-preżunzjoni tal-innoċenza.

40. Kif għedt diġà, is-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofija) ma għandu l-ebda eżitazzjoni dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmijin iktar 'il fuq. Fil-fatt, din id-domanda titlob risposta evidenti fir-rigward, minn naħa, tar-regoli ta' natura leġiżlattiva u ġurisprudenzjali li ssawru wara għexieren ta' snin il-mekkaniżmu tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari u, min-naħa l-oħra, tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

1. Ir-regoli ta' natura leġiżlattiva u ġurisprudenzjali dwar il-kontenut ta' talba għal deċiżjoni preliminari

41. Skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 267 TFUE joħloq proċedura ta' kooperazzjoni mill-qrib u diretta bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali, li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti lill-qrati nazzjonali l-elementi ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li huma neċessarji għalihom sabiex tkun deċiża l-kawża li tkun tressqet quddiemhom [15]. L-għan huwa li tiġi żgurata s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll interpretazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet tagħha fl-Istati Membri kollha.

42. Fil-kuntest ta' dan id-djalogu bejn il-qrati u b'rispett reċiproku tal-ġurisdizzjonijiet rispettivi tagħhom, kull parti tassumi r-responsabbiltajiet tagħha. Għaldaqstant, dik il-kooperazzjoni ġudizzjarja taħdem "fiż-żewġ direzzjonijiet" [16]. Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħmel kull sforz sabiex tgħin lill-qorti tar-rinviju biex tinterpreta u tapplika d-dritt tal-Unjoni b'mod korrett, filwaqt li tagħtiha b'mod partikolari l-fakultà l-iktar wiesgħa sabiex tadixxiha [17], il-qorti tar-rinviju għandha, min-naħa tagħha, tirrispetta l-funzjoni proprja li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja fil-materja u għalhekk tagħmel mill-aħjar sabiex tagħtiha l-informazzjoni kollha u l-provi kollha sabiex tkun tista' teżerċita l-funzjoni tagħha konformement mal-Artikolu 267 TFUE.

43. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrikjedi li t-talba għal deċiżjoni preliminari jkollha spjegazzjoni fil-qosor tal-fatti rilevanti, kif ikunu ġew ikkonstatati mill-qorti tar-rinviju, jew, tal-inqas, spjegazzjoni tal-fatti li fuqhom huma bbażati d-domandi. Din għandha tinkludi wkoll il-kontenut tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jistgħu jkunu applikabbli fil-kawża prinċipali u, fejn applikabbli, il-ġurisprudenza nazzjonali rilevanti [18].

44. Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju għandha tispjega r-raġunijiet li wasslu lill-qorti tar-rinviju sabiex ikollha dubji dwar l-interpretazzjoni jew il-validità ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll il-konnessjoni li hija tistabbilixxi bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-kawża prinċipali. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li l-Qorti tal-Ġustizzja tieħu inkunsiderazzjoni n-natura tal-kawża sabiex tevalwa l-osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk tqis ir-"rekwiżiti [dwar il-kontenut ta' talba għal deċiżjoni preliminari] jistgħux

15 — Digriet Abdallah (C-144/11, EU:C:2011:565, punt 9 u l-ġurisprudenza ċċitata) kif ukoll is-sentenza FIRIN (C-107/13, EU:C:2014:151, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

16 — Jiena qiegħed intenni l-espressjoni li uża l-Avukat Ġenerali Wahl fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawżi Venturini *et* (C-159/12 sa C-161/12, EU:C:2013:529, punti 56 *et seq*).

17 — Sentenza Elchinov (C-173/09, EU:C:2010:581, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

18 — Digriet Debiasi (C-560/11, EU:C:2012:802, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata) kif ukoll is-sentenza Petru (C-268/13, EU:C:2014:2271, punt 22). Ara, ukoll, id-digriet Abdallah (C-144/11, EU:C:2011:565, punt 10 u l-ġurisprudenza ċċitata).

jiġu iktar faċilment issodisfatti meta dik it-talba […] tidħol f'kuntest magħruf ħafna diġà minħabba rinviju għal deċiżjoni preliminari preċedenti" [19]. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja hija iktar eżiġenti meta dik it-talba tidħol fil-kuntest ta' kawżi tal-kompetizzjoni u tal-kuntratti pubbliċi, fejn dawn tal-aħħar huma kkaratterizzati minn sitwazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt kumplessi [20].

45. Din il-ġurisdizzjoni tal-qorti tar-rinviju hija ġġustifikata mill-fatt li hija biss ikollha għarfien dirett tal-fatti li joriġinaw it-tilwima u hija tassumi weħidha r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja tal-intervent [21].

46. Barra minn hekk u lil hinn mill-ispjegazzjoni tal-kuntest fattwali u ġuridiku, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrikjedi li l-qorti tar-rinviju tispjega r-raġunijiet għaliex hija tqis li risposta għad-domandi tagħha hija meħtieġa jew utli għall-finijiet tas-soluzzjoni tat-tilwima meta dawn ir-raġunijiet ma jirriżultawx mingħajr ekwivoċi mill-proċess [22].

47. Dawn l-elementi huma indispensabbli sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tirrispondi d-domanda magħmula b'mod utli u affidabbli, filwaqt li tevalwa l-kumpless taċ-ċirkustanzi ta' fatt u ta' dritt li jikkaratterizzaw il-kontroversja. .Għalhekk dan jista' jiżgura li l-ipoteżi fattwali li fuqha hija bbażata d-domanda preliminari taqa' effettivament fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, li d-domanda hija rilevanti u li lanqas ma hija ipotetika [23]. Infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex qiegħda hemm sabiex tifformula opinjonijiet konsultattivi fuq kwistjonijiet ġenerali jew ipotetiċi, iżda sabiex tikkontribwixxi għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri filwaqt li tagħtihom interpretazzjoni utli u korretta tad-dritt tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja biss għalhekk tista' tiddeċiedi fuq l-interpretazzjoni jew il-validità ta' test Komunitarju abbażi tal-fatti li jkunu indikati lilha mill-qorti tar-rinviju [24].

48. Barra minn hekk, l-informazzjoni li hemm fit-talba għal deċiżjoni preliminari hija essenzjali għall-gvernijiet tal-Istati Membri kif ukoll għall-partijiet ikkonċernati sabiex ikunu jistgħu jippreżentaw osservazzjonijiet skont l-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea [25]. Fil-fatt, huma biss id-deċiżjonijiet tar-rinviju li jiġu nnotifikati lill-partijiet ikkonċernati, bl-esklużjoni tal-proċess nazzjonali li eventwalment jiġi trażmess lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-qorti tar-rinviju [26].

49. Għandu jiġi nnotat li l-Qorti tal-Ġustizzja ma tirrikjedix li l-qorti tar-rinviju tagħmel il-konstatazzjonijiet fattwali u l-kunsiderazzjonijiet ta' dritt kollha li hija obbligata tagħmel fil-kuntest tal-missjoni ġudizzjarja tagħha qabel ma tadixxiha b'domanda preliminari [27].

50. Bla dubju, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li jista' jkun ta' vantaġġ, skont iċ-ċirkustanzi, li l-fatti tal-kawża jiġu stabbiliti u li l-problemi tad-dritt nazzjonali pur jiġu solvuti fil-mument tar-rinviju quddiemha. Għaldaqstant, hija tirrikonoxxi li hija biss il-qorti tar-rinviju li għandha tiddeċiedi f'liema stadju tal-proċedura jkun hemm lok li tressqilha domanda preliminari [28], għaliex dawn huma kunsiderazzjonijiet tal-istruttura u l-utilità proċedurali li l-evalwazzjoni tagħhom, għal darba oħra,

19 — Digriet 3D I (C-107/14, EU:C:2014:2117, punt 12).

20 — Ara, fir-rigward tad-dritt tal-kompetizzjoni, id-digriet Fontaine (C-603/11, EU:C:2012:731, punt 15) kif ukoll, fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi, is-sentenza Azienda sanitaria locale n. 5 "Spezzino" *et* (C-113/13, EU:C:2014:2440, punti 47 u 48).

21 — Digriet Debiasi (C-613/10, EU:C:2011:266, punt 20) kif ukoll is-sentenza Gauweiler *et* (C-62/14, EU:C:2015:400, punt 24).

22 — Sentenza Foglia (244/80, EU:C:1981:302, punt 17) u d-digriet Talasca (C-19/14, EU:C:2014:2049, punt 28).

23 — Ara, bħala eżempji, is-sentenza Konstantinides (C-475/11, EU:C:2013:542, punt 61) u d-digrieti Mlamali (C-257/13, EU:C:2013:763, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata) kif ukoll Szabó (C-204/14, EU:C:2014:2220, punti 22 *et seq*).

24 — Digriet Talasca (C-19/14, EU:C:2014:2049, punt 18 u l-ġurisprudenza ċċitata) kif ukoll is-sentenza Gauweiler *et* (C-62/14, EU:C:2015:400, punt 15).

25 — Digiret Abdallah (C-144/11, EU:C:2011:565, punt 11 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 — Digriet 3D I (C-107/14, EU:C:2014:2117, punt 9). Ara, ukoll, is-sentenza Pringle (C-370/12, EU:C:2012:756, punt 85 u l-ġurisprudenza ċċitata) kif ukoll id-digriet D'Aniello *et* (C-89/13, EU:C:2014:299, punt 17).

27 — Sentenzi Winner Wetten (C-409/06, EU:C:2010:503, punt 39) u VEBIC (C-439/08, EU:C:2010:739, punt 47).

28 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Irish Creamery Milk Suppliers Association *et* (36/80 u 71/80, EU:C:1981:62, punti 6 u 7, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

għandha tagħmilha biss il-qorti tar-rinviju. Fil-fatt, din tal-aħħar hija l-unika waħda li għandha għarfien dirett tal-fatti tal-kawża u tal-argumenti tal-partijiet, għalhekk hija fl-aħjar pożizzjoni sabiex tevalwa f'liema stadju tal-proċedura hija għandha bżonn ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja.

51. Dawn ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-kontenut ta' talba għal deċiżjoni preliminari jissemmew b'mod espliċitu fl-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, "li tagħhom il-qorti tar-rinviju hija meqjusa, fil-kuntest tal-kooperazzjoni stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, li għandha konjizzjoni u li għandha tosserva *bir-reqqa*" [29].

52. L-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura jipprovdi dan li ġej:

"Minbarra t-test tad-domandi preliminari magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja, it-talba għal deċiżjoni preliminari għandha tinkludi:

a) espożizzjoni fil-qosor tas-suġġett tal-kawża kif ukoll tal-fatti rilevanti, kif ġew ikkonstatati mill-qorti tar-rinviju jew, minn tal-inqas, espożizzjoni tal-informazzjoni fattwali li fuqha jkunu bbażati d-domandi;

b) il-kontenut tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jistgħu japplikaw għall-kawża ineżami u, jekk ikun il-każ, il-ġurisprudenza nazzjonali rilevanti;

c) espożizzjoni tar-raġunijiet li wasslu lill-qorti tar-rinviju sabiex ikollha dubji dwar l-interpretazzjoni jew il-validità ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll il-konnessjoni li hija tistabbilixxi bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-kawża prinċipali."

53. Filwaqt li l-punti a) u b) ta' dan l-artikolu jirrigwardaw id-deskrizzjoni tal-kuntest fattwali u ġuridiku li fih jidħol il-każ miġjub quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-punt c) tal-imsemmi artikolu jirrigwarda l-motivazzjoni tar-rinviju *stricto sensu* [30] .

54. Dawn ir-rekwiżiti jidhru wkoll fir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea lill-qrati nazzjonali, dwar il-ftuħ ta' proċeduri dwar talbiet għal deċiżjonijiet preliminari [31]. Mill-punt 22 tar-rakkomandazzjonijiet, dwar il-forma u l-kontenut tat-talba għal deċiżjoni preliminari, li din għandha "tkun suffiċjentement kompleta u tinkludi l-informazzjoni kollha rilevanti b'mod li tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll lill-partijiet interessati li għandhom id-dritt li jippreżentaw osservazzjonijiet, li jifhmu tajjeb il-kuntest fattwali u d-dritt tal-kawża prinċipali".

55. Dan il-punt 22 ifakkar l-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura, dwar il-kontenut tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

56. Dawn l-elementi juru, jekk kien hemm bżonn, li l-ispjegazzjoni tal-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża prinċipali hija element kostituttiv, jekk mhux essenzjali tat-talba għal deċiżjoni preliminari u n-nuqqas tagħha jikkostitwixxi raġuni għall-inammissibbiltà manifesta tat-talba għal deċiżjoni preliminari [32].

29 — Ara d-digriet Talasca (C-19/14, EU:C:2014:2049, punt 21). Il-korsiv huwa miżjud minni.

30 — Sentenza Gullotta u Farmacia di Gċullotta Davide & C. (C-497/12, EU:C:2015:436, punt 17).

31 — ĠU 2012, C 338, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"rakkomandazzjonijiet".

32 — Ara, b'mod partikolari, id-digriet Debiasi (C-613/10, EU:C:2011:266) u s-sentenza Gauweiler *et* (C-62/14, EU:C:2015:400, punt 25).

57. Barra minn hekk, għandi nfakkar li dawn ir-rekwiżiti proċedurali huma rripetuti fl-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 16 tal-KEDB [33] għall-iskop tat-tressiq ta' talba għal opinjoni konsultattiva lill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Fil-fatt, dan l-Artikolu jirrikjedi li l-qrati nazzjonali jimmotivaw it-talba tagħhom u jipproduċu "l-elementi rilevanti tal-kuntest ġuridiku u fattwali tal-kawża pendenti", li mingħajrhom it-talba għal opinjoni tista' tiġi miċħuda.

58. Dak il-protokoll għadu ma daħalx fis-seħħ għalissa, iżda dan ma jipprekludiniex milli nikkonstataw li l-mekkaniżmu tal-opinjoni konsultattiva li jistabbilixxi huwa ispirat bil-qawwa mill-funzjonament tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari, li dan juri għarfien evidenti tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari fejn in-natura u l-funzjonament tagħha ma jistgħux jiġu kkontestati.

59. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, għandu jiġi kkonstatat li, meta spjegat fit-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa fil-Kawża C-554/14 il-kuntest fattwali u ġuridiku ta' din il-kawża, is-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofija) osservat għal kollox ir-regoli stabbiliti mil-leġiżlatur tal-Unjoni u mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-implementazzjoni tal-Artikolu 267 TFUE.

60. Għalkemm, meta taġixxi b'dan il-mod, is-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofija) tikser ir-regoli tal-NPK, huwa, madankollu, importanti li jiġi indikat li l-approċċ tagħha huwa perfettament koerenti fir-rigward tar-regoli nazzjonali li jirregolaw t-tressiq tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari mill-qrati ċivili u amministrattivi Bulgari.

61. Fil-fatt, kif indikajt fl-introduzzjoni tiegħi, il-Kapitolu 59 tat-Taqsima VII tal-GPK jippreċiża l-kumpless ta' regoli proċedurali applikabbli għat-tressiq ta' talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

62. L-Artikoli 628 sa 633 tal-GPK jittrasponu fid-dritt Bulgaru, il-kundizzjonijiet u l-effetti ta' talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qorti nazzjonali, u b'mod partikolari, it-termini tal-Artikolu 267 TFUE kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

63. L-Artikoli 628 u 629 tal-GPK jippreċiżaw iċ-ċirkustanzi li fihom il-qorti nazzjonali għandha l-fakultà jew l-obbligu li tindirizza lill-Qorti tal-Ġustizzja permezz tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari.

64. L-Artikolu 630 tal-GPK jistabbilixxi min-naħa tiegħu, ir-regoli applikabbli għall-kontenut ta' talba għal deċiżjoni preliminari.

65. Il-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu jirriproduċi fil-wisa' ħafna r-regoli stabbiliti fl-Artikolu 94 tar-Regolament tal-Proċedura kif ukoll fil-punt 22 tar-rakkomandazzjonijiet, għaliex jippreċiża, infakkar, li "t-talba għal deċiżjoni preliminari għandu jkollha deskrizzjoni tal-fatti tat-tilwima, id-dritt nazzjonali applikabbli, riferiment preċiż għad-dispożizzjoni jew għall-att fejn tintalab l-interpretazzjoni jew l-evalwazzjoni tal-validità tagħhom, ir-raġunijet għaliex il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li talba għal deċiżjoni preliminari hija meħtieġa għall-finijiet tal-aġġudikazzjoni korretta tal-kawża kif ukoll il-formulazzjoni tad-domanda preliminari".

33 — Protokoll adottat mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa tal-10 ta' Lulju 2013. Il-mekkaniżmu previst minn dan il-protokoll jippermetti lill-oġħla qrati tal-Istati Kontraenti tal-KEDB li jadixxu lill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem b'talba għal opinjoni konsultattiva fuq kwistjonijiet dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet iddefiniti mill-KEDB.

66. Infakkar ukoll li, għalkemm ir-regoli sanċiti fil-Kapitolu 59 tat-Taqsima VII tal-GPK huma, bħala prinċipju, limitati għall-proċeduri ċivili biss, huma japplikaw ukoll għall-proċeduri quddiem il-qrati amministrattivi, u dan konformement mal-Artikolu 144 tal-Kodiċi ta' Proċedura Amministrattiva [34]. Barra minn hekk jidher, skont id-duttrina, li huma għandhom portata iktar ġenerali applikabbli għal kull proċedura ġudizzjarja, b'dan il-Kapitolu 59 jikkostitwixxi l-fondament ġuridiku nazzjonali tal-użu tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari mill-qrati Bulgari, ħlief għall-Konstitutsionen sadla (qorti kostituzzjonali) [35].

67. Ir-rekwiżiti dwar il-kontenut ta' talba għal deċiżjoni preliminari stabbiliti fl-Artikoli 267 TFUE u 94 tar-Regoli tal-Proċedura kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja b'hekk jagħmlu parti mill-kumpless ġuridiku, u dan wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija mal-Unjoni Ewropea fl-2007.

68. Il-fatt li l-proċedura inkwistjoni fil-kawża prinċipali fil-Kawża C-554/14 tirrigwarda materja kriminali ma jiġġustifikax li l-qorti tar-rinviju ma tesprimix ruħha b'ċarezza u kompletezza l-kuntest fattwali u ġuridiku ta' dik il-kawża. Anzi għall-kuntrarju, dik ir-regola timponi ruħha b'iktar saħħa fejn hemm riskju li l-kwistjoni twassal għal miżuri li jċaħħdu l-libertà li jiġu adottati fuq il-bażi ta' leġiżlazzjonijiet nazzjonali li jidhru fost l-inqas armonizzati fl-Unjoni, u li jirrigwardaw fatti li għandhom jiġu spjegati b'mod ċar.

69. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, id-differenza li teżisti bejn ir-regoli sabiex isir rinviju għal deċiżjoni preliminari fil-kuntest tal-proċeduri ċivili u amministrattivi, li jittrasponu l-modalitajiet preskritti fl-Artikoli 267 TFUE u 94 tar-Regoli tal-Proċedura, u r-regola inkwistjoni applikabbli fil-proċeduri kriminali ma hija, għalhekk, la ġġustifikata u lanqas koerenti.

70. Għalkemm, f'din il-kawża, il-prosekutur pubbliku tal-belt ta' Sofija jqis li, fl-ispjegazzjoni tal-kuntest fattwali u ġuridiku tal-Kawża C-554/14, is-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofija) kisret id-dritt li wieħed jadixxi tribunal imparzjali kif sanċit fl-Artikolu 47 tal-Karta u d-dritt għall-preżunzjoni tal-innoċenza li hemm fl-Artikolu 48 tagħha, dan il-biża' ma għandu bażi ta' xejn.

71. L-obbligu li għandha l-qorti tar-rinviju li timmotiva t-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari u tipprovdi l-kumpless ta' punti ta' fatt u tad-dritt neċessarji sabiex tinftiehem it-tilwima jista' mhux jolqot ħażin l-ekwità tal-proċedura, imma jiggarantiha, evidentement, sa fejn il-modalitajiet preskritti fl-Artikoli 267 TFUE u 94 tar-Regoli tal-Proċedura jiġu applikati b'mod korrett.

72. Fil-Kawża C-554/14, is-sempliċi fatt għas-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofija) li spjegat, fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, il-kuntest fattwali u ġuridiku ma jikkostitwixxi la prova ta' parzjalità li ġġegħilha tastjeni mill-kawża, u lanqas ksur tal-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza.

2. Fuq id-dmir ta' imparzjalità tal-qorti tar-rinviju

73. Kemm il-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-ġurisprudenza tagħhom, jiddefinixxu l-kunċett ta' "qorti imparzjali" kif sanċit rispettivament fl-Artikolu 47 tal-Karta u mill-Artikolu 6(1) tal-KEDB [36].

34 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 8 ta' dawn il-konklużjonijiet.

35 — Ara r-rapport Bulgaru ta' Fartunova, M., *op. cit.*, p. 147.

36 — Ara, f'dan ir-rigward, il-gwida fuq l-Artikolu 6 disponibbli fl-indirizz internet http://www.echr.coe.int/Documents/Guide_Art_6_FRA.pdf.

74. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet l-indipendenza tal-imħallef, fejn l-imparzjalità hija waħda mill-aspetti [37], kriterju ta' definizzjoni tal-"qorti jew tribunal", skont l-Artikolu 267 TFUE [38]. Għalhekk l-imparzjalità tal-qorti għandha titqies li hija kundizzjoni għall-eżerċizzju tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari.

75. L-imħallef huwa preżunt imparzjali [39], jiġifieri eżenti minn preġudizzju jew li jxaqleb lejn xi parti [40].

76. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għalhekk tevalwa l-imparzjalità ta' qorti permezz ta' approċċ suġġettiv, li jikkonsisti fid-determinazzjoni tal-konvinzjoni personali tal-imħallef u li jingħata każ tal-aġir tiegħu, partikolarment jekk wera xi preġudizzju personali jew xaqleb lejn xi parti fil-kawża jew wera xi ostilità [41].

77. Barra minn hekk, fil-kuntest ta' approċċ iktar oġġettiv, qorti imparzjali hija qorti li ssib fis-soluzzjoni tat-tilwima interess wieħed biss, jiġifieri l-applikazzjoni stretta tar-regola tad-dritt [42]. Għalhekk, indipendentement mill-aġir personali tal-imħallef, l-imparzjalità timplika li t-tribunal ikun impermeabbli fir-rigward ta' kull element estern u newtrali fir-rigward tal-interessi li hemm kunfliġġenti [43].

78. Sabiex jitwarrab kull dubju leġittimu fl-imħuħ tal-partijiet fil-kawża u sabiex jiġi protett is-sentiment ta' fiduċja li l-imparzjalità trawwem (konformement mal-massima "justice must not only be done, it must also be seen to be done" [44]), ir-rekwiżit ta' imparzjalità jeħtieġ għalhekk l-adozzjoni ta' regoli dwar, b'mod partikolari, il-kompożizzjoni tal-qorti, il-ħatra, id-dewmien tal-funzjonijiet kif ukoll tal-kawżi ta' astensjoni, ta' rekuża u ta' revoka tal-membri tagħha [45].

79. Fil-kuntest ta' din il-kawża, il-ksur eventwali tad-dritt fl-Artikolu 47 tal-Karta jirriżulta mhux mill-modalitajiet stabbiliti fit-testi, imma mill-aġir tal-qorti tar-rinviju.

80. Il-prosekutur pubbliku tal-belt ta' Sofija jqis, fil-fatt, li l-elementi invokati fil-kuntest tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari huma biżżejjed biex titpoġġa fid-dubju l-imparzjalità tas-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofija), li tiddeċiedi ulterjorment il-kontroversja.

81. Meta kienet qed tesponi fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha fil-Kawża C-554/14, il-kuntest fattwali u ġuridiku ta' dik il-kawża, hija esprimiet "opinjoni provviżorja" qabel ma din il-kawża tqiegħdet għad-deliberazzjoni. Skont l-Artikolu 29 tal-NPK, dan kien jikkostitwixxi każ partikolari ta' "parzjalità" li jġiegħel lill-qorti tar-rinviju li tastjeni mill-kawża. Kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju f'din il-kawża, anki l-indikazzjoni l-iktar insinjifikattiva tal-qorti dwar il-fatti tal-kawża jew il-klassifikazzjoni ġuridika tagħhom tirrigwarda dan l-Artikolu u twassal għall-astensjoni tagħha.

82. F'din il-kawża, dak il-biża' ma għandu l-ebda fondament.

37 — Sentenza TDC (C-222/13, EU:C:2014:2265, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 — *Ibidem* (punt 27).

39 — Qorti EDB, Le Compte, Van Leuven u De Meyere vs Il-Belġju, 23 ta' Ġunju 1981, Sensiela A, Nru 43, § 58.

40 — Qorti EDB, Wettstein vs L-Isvizzera, Nru 33958/96, § 43, KEDB 2000-XII, u Micallef vs Malta, Nru 17056/06, § 93, KEDB 2009.

41 — Qorti EDB, Buscemi vs L-Italja, Nru 29569/95, § 67 u 68, KEDB 1999-VI.

42 — Sentenza TDC (C-222/13, EU:C:2014:2265, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 — *Ibidem* (punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 — Il-ġustizzja mhux biss għandha ssir, imma trid tidher li qiegħda ssir.

45 — Sentenzi TDC (C-222/13, EU:C:2014:2265, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata) kif ukoll tal-Qorti EDB, Micallef vs Malta, iċċitata iktar 'il fuq, § 98 u 99.

83. L-ewwel nett, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirriżulta li s-sempliċi fatt li mħallef jieħu deċiżjonijiet qabel is-smigħ tal-kawża ma jistax jiġġustifika fih innifsu biżgħat dwar l-imparzjalità tiegħu. Dak li jgħodd hija l-portata tal-miżuri li ġew adottati [46]. Issa, għalkemm meta jsir rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja dan jikkostitwixxi deċiżjoni ġudizzjarja, jibqa' l-fatt li l-ispjegazzjoni, f'dan il-kuntest, tal-elementi ta' fatt u tad-dritt inerenti fil-kawża hija sempliċi konstatazzjoni tal-qorti tar-rinviju billi, wara kollox, din ma tat l-ebda klassifikazzjoni ġuridika li tmur kontra l-ġurisprudenza fil-punt 8 tad-deċiżjoni tar-rinviju f'din il-kawża.

84. Fil-fatt, għandu jiġi kkonstatat li, fil-Kawża C-554/14, il-punt 2 tad-deċiżjoni tar-rinviju jirrigwarda l-"fatti tal-każ", il-punt 3 jirrigwarda d-"dritt materjali applikabbli għal kwistjonijiet li ma humiex dawk li huma s-suġġett tat-talba għal deċiżjoni preliminari, iżda li jiġġustifika n-neċessità li l-Qorti tal-Ġustizzja tiġi adita b'dik id-domanda" u l-punt 4 tagħha jirrigwarda d-"dritt materjali applikabbli għas-soluzzjoni tal-problema tad-dritt inkwistjoni fil-kawża prinċipali".

85. Issa, wara eżami bir-reqqa ta' dawn il-punti, l-ebda wieħed minnhom ma juri xi forma ta' preġudizzju jew xaqlib lejn xi naħa min-naħa tal-qorti tar-rinviju.

86. Id-dettall ta' din l-ispjegazzjoni juri, għall-kuntrarju, għarfien profond tal-proċess li, fil-fehma tiegħi, ma jiġġustifikax li wieħed jissuspetta li dik il-qorti ma hijiex imparzjali. Fl-aħħar nett, anki għalkemm hija għamlet evalwazzjoni preliminari tal-informazzjoni disponibbli, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet b'mod kostanti li evalwazzjoni bħal dik ma tistax titqies li tippreġudika l-evalwazzjoni finali [47].

87. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, l-ebda element ma jippermetti għalhekk li jiġi sostnut li, meta spjegat il-kuntest fattwali u ġuridiku tal-Kawża C-554/14 fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha, is-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofija) naqset mid-dmir tagħha ta' imparzjalità, kif inhu meħtieġ fl-Artikolu 47 tal-Karta.

3. Fuq ir-rispett tad-dritt tal-preżunzjoni tal-innoċenza

88. Hemmhekk ukoll, il-ksur eventwali tad-dritt iggarantit fl-Artikolu 48 tal-Karta jirriżulta mhux mill-modalitajiet stabbiliti mit-testi, iżda mill-aġir tal-qorti tar-rinviju.

89. Għalhekk il-kwistjoni hija jekk, fl-ispjegazzjoni tal-kuntest fattwali u ġuridiku tal-Kawża C-554/14, il-motivazzjoni tal-qorti tar-rinviju tħallix lil dak li jkun jaħseb li hija tikkunsidra li l-persuna kkonċernata hija ħatja tal-ksur meta l-ħtija tagħha ma ġietx ippruvata [48]. Mingħajr dubju l-espressjoni prematura ta' opinjoni bħal dik mill-qorti tar-rinviju tikser il-preżunzjoni tal-innoċenza [49].

90. Issa, f'din il-kawża din il-kwistjoni ma tinqalax.

91. Fil-fatt, id-dritt ta' kull akkużat li jkun preżunt innoċenti ma jistax jgħodd għal min ikun ġie rrikonoxxut ħati tal-ksur inkwistjoni [50], kif kien instab A. Ognyanov [51].

46 — Qorti EDB, Morel vs Franza, Nru 34130/96, § 45, KEDB 2000-VI.

47 — *Idem.*

48 — Ara, b'mod partikolari, Qorti EDB, Nerattini vs Il-Greċja, Nru 43529/07, § 23.

49 — Ara, b'mod partikolari, Qorti EDB, Garycki vs Il-Polonja, Nru 14348/02, § 66, u Nestak vs Is-Slovakkja, Nru 65559/01, § 88.

50 — Qorti EDB, Phillips vs Ir-Renju Unit, Nru°41087/98, § 35 QEDB 2001-VII.

51 — Fil-fatt infakkar li A. Ognyanov diġà ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija wara li ġie rrikonoxxut ħati ta' ksur ikkonstatat fis-sentenza mogħtija mill-awtoritajiet ġudizzjarji Daniżi.

92. Fi kwalunkwe każ, wieħed ma għandux jinsa li t-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qorti tar-rinviju għandha l-iskop biss li tikseb interpretazzjoni korretta tad-dritt tal-Unjoni, il-punt li jsir magħruf jekk, abbażi ta' din l-interpretazzjoni, il-persuna kkonċernata għandhiex tiġi rrikonoxxuta innoċenti jew ħatja tal-fatti inkwistjoni jista' jirriżulta biss mill-evalwazzjoni unika u personali ta' din il-qorti.

93. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, jiena nqis li s-sempliċi fatt li s-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofija) spjegat, fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari mressqa fil-Kawża C-554/14, il-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha, la jikkostitwixxi prova ta' parzjalità li ġġegħilha tastjeni minn din il-kawża u lanqas ma jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza.

94. Għalhekk, jekk il-modalitajiet stabbiliti fl-Artikoli 267 TFUE u 94 tar-Regoli tal-Proċedura għall-finijiet tat-tressiq ta' talba għal deċiżjoni preliminari jkunu applikati tajjeb, huma ma jistgħux jingħadu li jolqtu b'imparzjalità l-qorti tar-rinviju u lanqas li jiksru d-dritt tal-preżunzjoni tal-innoċenza sanċiti rispettivament fl-Artikoli 47 u 48 tal-Karta.

95. F'dan l-istadju tal-analiżi tiegħi, bilfors irid jiġi kkonstatat li r-regola nazzjonali inkwistjoni, kif interpretata mill-Varhoven kasatsionen sad (qorti suprema tal-kassazzjoni), tista' tipprekludi, jekk mhux tiddisswadi lill-qorti kriminali Bulgara milli tagħmel domanda preliminari, u b'hekk jiġu użurpati l-prerogattivi tagħha li huma rrikonoxxuti mill-Artikolu 267 TFUE u mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

96. Fil-fatt, skont dik ir-regola, dan iwassal mhux biss għal astensjoni, imma wkoll għal sanzjoni dixxiplinari għaliex tesponi, fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha u konformement mal-modalitajiet stabbiliti fl-Artikoli 267 TFUE u 94 tar-Regoli ta' Proċedura, il-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża.

97. Naslu għar-riżultat assurd u paradossali li qorti li tagħmel talba għal deċiżjoni preliminari konformement mad-dritt tal-Unjoni titqies, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, li tikser il-garanziji fundamentali tal-partijiet.

98. Huwa evidenti li regola bħal dik hija inkompatibbli mar-rekwiżiti inerenti fin-natura stess tad-dritt tal-Unjoni, għaliex għandha bħala effett li tnaqqas l-effikaċja tad-dritt tal-Unjoni bil-fatt li tiddisswadi l-qorti Bulgara milli tagħmel rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

99. Issa, l-ewwel nett, fis-sentenza Elchinov [52], dwar talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen sad Sofia-grad (qorti amministrattiva tal-belt ta' Sofija), il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-qrati nazzjonali għandu jkollhom setgħa l-iktar wiesgħa sabiex japplikaw id-dritt tal-Unjoni, billi l-Artikolu 267 TFUE jagħtihom l-ikbar faċilità possibbli sabiex jadixxu l-Qorti tal-Ġustizzja jekk huma jikkunsidraw li kawża pendenti quddiemha tqajjem kwistjonijiet li jeħtieġu interpretazzjoni jew evalwazzjoni ta' validità tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni meħtieġa għar-regolament tat-tilwima li jkollhom quddiemhom [53].

100. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-qrati nazzjonali ma għandhomx jiġu preklużi milli jadixxu l-Qorti tal-Ġustizzja minn regola proċedurali nazzjonali ta' kwalunkwe natura li tkun, u fakkret ukoll li l-fakultà li ssir domanda preliminari hija prerogattiva tagħhom li dawn il-qrati, meta jiddeċiedu fl-ewwel istanza, għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw fl-istadji kollha tal-proċedura [54].

52 — C-173/09, EU:C:2010:581.

53 — Punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata.

54 — Sentenza Elchinov (C-173/09, EU:C:2010:581, punti 25 u 26, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

101. It-tieni nett, infakkar li, fis-sentenza tagħha Dhahbi vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet li, meta jkun jeżisti mekkaniżmu tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari, ir-rifjut mill-qorti nazzjonali li tagħmel domanda preliminari jista', f'ċerti ċirkustanzi, jaffettwa l-ekwità tal-proċedura u jwassal għal ksur tad-dritt għal proċess ekwu kif sanċit fl-Artikolu 6(1) tal-KEDB. F'dan il-każ, din kienet il-konklużjoni ta' dik il-qorti, billi din ikkonstatat li l-qorti nazzjonali kienet irrifjutat, b'mod għal kollox arbitrarju u mingħajr motivazzjoni, li titressaq talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

102. Jekk qorti nazzjonali jkollha tirrifjuta milli tagħmel rinviju għal deċiżjoni preliminari għar-raġuni li tistieden mhux biss l-astensjoni tagħha iżda saħansitra sanzjoni dixxiplinari għaliex tispjega l-kuntest fattwali u ġuridiku tal-kawża, dan jikkostitwixxi, b'mod ċert, ksur tal-Artikolu 6 tal-KEDB.

103. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, ma hemm għalhekk l-ebda dubju li d-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-Artikoli 267 TFUE u 94 tar-Regoli tal-Proċedura, jipprekludi regola nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, jekk ikollha tinżamm, tipperikola serjament il-mekkaniżmu tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari u, miegħu, il-kooperazzjoni istitwita bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali u tikkomprometti s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni.

104. Għalhekk nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi li l-Artikoli 267 TFUE u 94 tar-Regoli tal-Proċedura għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu regola nazzjonali bħal dik inkwistjoni, li ġġiegħel lill-qorti tar-rinviju li tastjeni mill-kawża għar-raġuni li din tkun esponiet, fil-kuntest tat-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, il-kuntest fattwali u ġuridiku ta' din il-kawża.

B – *Fuq it-tieni domanda*

105. Bit-tieni domanda tiegħu, is-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofija) tistaqsi, essenzjalment, lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Artikolu 267 TFUE u 94 tar-Regoli tal-Proċedura jipprekludux li qorti tar-rinviju tgħaddi sabiex, ladarba tkun ngħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tagħmel seduta ġdida tal-partijiet kif ukoll tieħu miżuri ġodda ta' investigazzjoni, sabiex b'hekk tkun qed timmodifika l-konstatazzjonijiet li hija għamlet fil-qafas tad-deċiżjoni tar-rinviju tagħha.

106. L-ewwel nett, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita, hija biss il-qorti nazzjonali li tiddeċiedi f'liema stadju tal-proċedura hemm lok li ssir domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja [55].

107. Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li jista' jkun ta' vantaġġ, skont iċ-ċirkustanzi, li l-problemi ta' dritt nazzjonali pur jiġu solvuti fil-mument tar-rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja [56], hija tirrikonoxxi, madankollu, li l-qorti nazzjonali hija ħielsa li teżerċita din il-fakultà fi kwalunkwe mument tal-proċedura li tqis xieraq [57]. Fil-fatt, l-għażla tal-mument fejn hija tagħmel rinviju għal deċiżjoni preliminari ssir skont kunsiderazzjonijiet ta' struttura u ta' utilità proċedurali u hija biss tevalwah, peress li hija biss għandha għarfien dirett tal-fatti tal-kawża u tal-argumenti tal-partijiet.

108. Lil hinn minn din il-ġurisprudenza, l-ebda dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma tipprojbixxi lill-qorti tar-rinviju, wara li tkun għamlet domanda preliminari, milli timmodifika, matul l-eżami tal-kawża pendenti quddiemha, l-evalwazzjoni tagħha dwar il-kuntest fattwali u ġuridiku rilevanti.

109. Fil-verità, prerogattiva bħal dik tirrigwarda l-awtonomija istituzzjonali u proċedurali tal-Istati Membri u l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni konkreta ta' regoli nazzjonali ta' proċedura.

55 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Irish Creamery Milk Suppliers Association *et* (36/80 u 71/80, EU:C:1981:62, punt 7) kif ukoll Sibilio (C-157/11, EU:C:2012:148, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

56 — Sentenza Melki u Abdeli (C-188/10 u C-189/10, EU:C:2010:363, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

57 — Sentenza Elchinov (C-173/09, EU:C:2010:581, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

110. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija biss il-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa l-portata tad-dispożizzjonijiet nazzjonali u l-mod kif dawn għandhom jiġu applikati. Għalhekk, ladarba l-Qorti tal-Ġustizzja tkun tat is-sentenza, hija għandha tagħmel l-eżami tal-kawża prinċipali konformement mar-regoli nazzjonali ta' organizzazzjoni u ta' proċeduri ġudizzjarji u fir-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-partijiet.

111. L-uniku obbligu li għandha f'dan l-istadju tal-proċedura huwa li tagħti effett sħiħ għall-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tkun tat il-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-fatt, ir-risposti mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja lill-qorti tar-rinviju għandhom jitqiesu li jimponu interpretazzjoni determinanti u vinkolanti tad-dritt tal-Unjoni, billi din ma hijiex tenuta, fil-qafas tal-Artikolu 267 TFUE, tagħti opinjoni konsultattiva [58].

112. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, għandha tingħata risposta lill-qorti tar-rinviju li l-Artikoli 267 TFUE u 94 tar-Regoli ta' Proċedura ma jipprekludux li, wara li titqies l-awtonomija istituzzjonali u proċedurali tal-Istati Membri, qorti tar-rinviju, ladarba tingħata s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, terġa' tisma' lill-partijiet kif ukoll tieħu miżuri ġodda ta' investigazzjoni u għalhekk, timmodifika l-konstatazzjonijiet li hija għamlet fil-kuntest tad-deċiżjoni tar-rinviju tagħha sakemm tagħti effett sħiħ lill-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja.

C – *Fuq it-tielet domanda*

113. Fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-Artikoli 267 TFUE u 94 tar-Regoli ta' Proċedura jipprekludu li regola nazzjonali bħal din inkwistjoni, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi, bit-tielet domanda tagħha, jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix li hija tagħżel, skont ir-regola nazzjonali inkwistjoni, li tastjeni għar-raġuni li din ir-regola kienet tiggarantixxi livell ogħla ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-partijiet.

114. Fi kliem ieħor, id-dritt tal-Unjoni jipprekludi li l-qorti tar-rinviju tapplika regola nazzjonali li nstabet madankollu li tikser id-dritt tal-Unjoni?

115. Ir-risposta għal din id-domanda ma tħalli l-ebda dubju. Il-qorti tar-rinviju għandha l-obbligu li twarrab regola bħal din.

116. Skont l-Artikolu 280 TFUE, id-"deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandu jkollhom forza eżekuttiva […]". L-Artikolu 633 tal-GPK jipproklama wkoll espressament dan il-prinċipju.

117. Għaldaqstant, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li sentenza mogħtija b'mod preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja torbot lill-qorti nazzjonali, dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni, għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali [59]. Kif indikajt fil-punt 111 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tagħtix opinjoni konsultattiva fil-qafas tal-Artikolu 267 TFUE.

118. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-Artikolu 267 TFUE, li hija regola applikabbli direttament, jipprekludi regola nazzjonali bħal dik inkwistjoni, il-qorti nazzjonali tkun b'hekk obbligata li twarrab l-applikazzjoni ta' dik ir-regola nazzjonali b'mod li tiżgura s-supremazija, l-effikaċja u l-unità tad-dritt tal-Unjoni [60].

58 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza Kleinwort Benson (C-346/93, EU:C:1995:85, punt 24).

59 — Sentenza Elchinov (C-173/09, EU:C:2010:581, punti 29 u 30, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

60 — Ara s-sentenza Melki u Abdeli (C-188/10 u C-189/10, EU:C:2010:363, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata) kif ukoll Elchinov (C-173/09, EU:C:2010:581, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

V – **Konklużjoni**

119. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, qiegħed nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi d-domandi magħmula mis-Sofiyski gradski sad (qorti tal-belt ta' Sofija) bil-mod li ġej:

1) L-Artikoli 267 TFUE u 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li regola nazzjonali bħal din inkwistjoni, li ġġiegħel lill-qorti tar-rinviju li tastjeni mill-kawża għar-raġuni li hija esponiet, fil-kuntest tat-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-kuntest fattwali u ġuridiku tagħha u dan konformement mal-modalitajiet stabbiliti minn dawk id-dispożizzjonijiet.

Il-qorti tar-rinviju hija obbligata, wara li jittieħed inkunsiderazzjoni l-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 280 TFUE, li twarrab l-applikazzjoni tar-regola nazzjonali inkwistjoni.

2) L-Artikoli 267 TFUE u 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux, wara li tittieħed inkunsiderazzjoni l-awtonomija istituzzjonali u proċedurali tal-Istati Membri, li qorti tar-rinviju, ladarba tingħata s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, terġa' tisma' lill-partijiet kif ukoll tieħu miżuri ġodda ta' investigazzjoni u għalhekk, timmodifika l-konstatazzjonijiet li hija għamlet fil-kuntest tad-deċiżjoni tar-rinviju tagħha sakemm tagħti effett sħiħ lill-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja.